**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 83/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Neil Cutajar**

**Illum 12 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Neil Cutajar, iben Joseph Cutajar u Lily neè Borg, imwieled il-Pietà fid-19 ta' Jannar 1995 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0044495(M), talli nhar il-5 ta' Frar 2021 fis-7:00p.m., ġewwa Birżebbuġia:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nadine Munro f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq is-sieħba tiegħu, l-istess Nadine Munro, hekk kif iċċertifikatha Dr. Kimberly Micallef, Med. Reg. No. 4603, mill-Isptar Mater Dei wara li ġiet eżaminata minn Dr. Gabriel Gauci, Med. Reg. No. 9590, miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola;
2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro;
3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Neil Cutajar a benefiċċju ta' Nadine Munro u l-familjari tagħha u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Nadine Munro u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Neil Cutajar b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal

żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lil Neil Cutajar sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2021 markati Dok. "AM1" sa' Dok. "AM9" a fol. 8 sa' 20 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Nadine Munro permezz ta' Digriet datat 7 ta' Frar 2021[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Nadine Munro mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2021[3] u semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Audrey Micallef mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta' Marzu 2021[4], tas-27 ta' April 2021[5] u tat-2 ta' Settembru 2021[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AM1" sa' Dok. "AM6" a fol. 34 sa' 40 tal-proċess, Dok. "AMX" a fol. 65 tal-proċess u Dok. "AMX" a fol. 169 sa' 172 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Gabriel Gauci[7], Dr. Kimberly Micallef[8] u PC 575 Mark Tonna[9], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2021, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Lennox Vella mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2021[10] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat magħmula minnu esebita bħala Dok. "LV" a fol. 87 sa' 141 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[11] u ta' PS 1500 Alfred Cutajar[12] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri esebita bħala Dok. "MS" a fol. 151 sa' 160 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC 2160 Nicholette Grech mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2021[13] u x-xhieda ta' Maria Dolores Fenech, Aġent Reġistratur Qrati Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021 u rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Neil Cutajar" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Settembru 2015, esebita minnha markata Dok. "MDF" a fol. 1818 sa' 183 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2022[14];

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021 Nadine Munro ddikjarat li qed taħfer lill-imputat u li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli da parte tagħha fil-konfront tiegħu;

---

[1] Fol. 21 tal-proċess.
[2] Fol. 22 tal-proċess.
[3] Fol. 26 sa' 30 tal-proċess.
[4] Fol. 33 u 34 tal-proċess.
[5] Fol. 63 u 64 tal-proċess.
[6] Fol. 168 tal-proċess.
[7] Fol. 41 u 42 tal-proċess.
[8] Fol. 43 u 44 tal-proċess.
[9] Fol. 45 u 46 tal-proċess.
[10] Fol. 86 tal-proċess.
[11] Fol. 149 u 150 tal-proċess.
[12] Fol. 161 u 162 tal-proċess.
[13] Fol. 166 u 167 tal-proċess.
[14] Fol. 197 sa' 200 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 14 ta' Jannar 2022[15], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2022 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li nqraw l-Artikoli u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-5 ta' Frar 2021 fis-7:00p.m., ġewwa Birżebbuġia: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nadine Munro f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq is-sieħba tiegħu, l-istess Nadine Munro, hekk kif iċċertifikatha Dr. Kimberly Micallef, Med. Reg. No. 4603, mill-Isptar Mater Dei wara li ġiet eżaminata minn Dr. Gabriel Gauci, Med. Reg. No. 9590, miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola; (2) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro; (3) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 14 ta' Jannar 2022[16], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Nadine Munro** tat ix-xhieda tagħha[17] dwar dak li seħħ nhar il-5 ta' Frar 2021 għall-ħabta tas-7:00p.m., ġewwa Birżebbugia, u ddikjarat illi hi u l-imputat, li dak iż-żmien kien is-sieħeb tagħha, kellhom argument u *l-argument għola u ħaseb illi jiena se mmissu, iżda hu dak il-ħin qam għalija u qabad itini. Ħebb għalija b'mod aggressiv fejn lili heddidni ħafna illi lili se joqtolni, se jagħmilli l-ħsara u illi jekk jiena nitfgħu l-ħabs, illi jiena m'inix qiegħda hawnhekk biex nitfgħu jiena l-ħabs, però*

[15] Fol. 186 u 187 tal-proċess.
[16] Fol. 186 u 187 tal-proċess.
[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2021, fol. 26 sa' 30 tal-proċess.

*ġustifikatament irid isir dak li għandu bżonn isir, lili qalli li kif joħroġ, lili se jsibni u se jagħmilli l-ħsara jew iweġġani. Kien hemm ukoll rikattar fuq il-familja tiegħi li jimplimentaw l-istess ħaġa.* Nadine Munro spjegat ulterjorment illi *jiena kelli ċurkett li kien qiegħed għand Neil għaliex kont tajtulu jiena u kif argumentajna u mort għalih, kif ħa jagħtihuli, jiena ħadtulu minn idejh u ħaseb illi jiena se mmissu. Qam għalija, qabad itini, jiena bdejt niddefendi ruħi kif stajt, safrattant jiena spiċċajt sofrejt ġrieħi li kienu gravi, fejn ħabbatli rasi ma' l-art, fejn tani bil-ponn ġo wiċċi, fejn prova jitfagħni minn fuq ċint għal isfel u beda jipprova jifgani. … Aħna konna qegħdin fi Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birżebbugia, fejn id-District Five Waterpolo Pitch, u minn hemmhekk jiġifieri xejn, ġlieda kollha kemm aħna nafu fiex tispiċċa, fejn jiena spiċċajt mort id-dar biex ovvjament ningħalaq u nħossni safe għaliex naf li Neil kien għadu qed jiġri ġewwa Birżebbugia u kif mort u rajt fil-mera l-ġrieħi kollha li kelli.*

Dwar il-ġrieħi li kellha Nadine Munro xehdet illi *kelli s-CW ta' widnejja hawnhekk, li tiġi l-qarquċa ta' fuq ta' barra, maqsuma fi tnejn li ġabitli widnejja hekk. … Tan-naħa tal-lemin u fiha kelli 9 punti u hawnhekk kelli black eye. … Kelli black eye fuq in-naħa tax-xellug u kelli xi grif taħt għajnejja. … Tan-naħa tal-lemin. … Taħt u fuq. Kelli hawnhekk girfa hekk, kelli xi grif oħra żgħar u bil-kawża tad-daqqiet kollha, kelli wkoll hawnhekk qisha gundalla u kelli l-uġigħ ta' ras kontinwu. … Kienet qiegħda wara l-widna tan-naħa tal-lemin u bażikament kienet minħabba li ġara. … Wara ovvajment jiena ndunajt illi m'inix qiegħda fi stat tajjeb, kelli bżonn immur il-Polyclinic, mort b'tal-linja għaliex ma nfurnajt lil ħadd ovvjament għax ma kellix ħin u l-ħin kien limitat u mort il-Polyclinic. … L-ewwelnett jiena ridt infittex immur neħles għaliex kelli d-demm nieżel fuqi u apparti minn hekk, il-qatgħa, ma ridthiex tibqa' esposta għall-arja għax kienet qiegħda kerha ħafna li stajt nieħu xi infection. Apparti minn hekk, ma stajt inċempel lil ħadd għaliex ma kelli lil ħadd dak il-ħin u kelli naħdem b'li għandi. Mort u bagħtuni l-Isptar u minn hemm ovvjament għamluli check ups, X-Rays, brain scans u minn hemmhekk ġie Surġent għalija u ħadni d-depot sabiex nagħmel l-istatement. Inżid ngħid ukoll illi jiena meta dħalt l-Isptar ma tlabtx għal Pulizija. Kif dħalt l-Isptar, it-tabib ta' l-ambulanza mar jiġri, sab il-Pulizija ta' l-Isptar u bażikament ġew u daruni biex jaraw x'se jiġri u kif se jiġri kollox u minn hemmhekk spiċċaw infurmati l-Pulizija ta' l-Isptar li nfurmaw in-nies tad-Depot ukoll.*

Dwar theddid da parte ta' l-imputat, Nadine Munro xehdet illi *it-theddid kien illi jiena nista' niġi noqtlok, naħarqek ħajja, niġi nsib lill-ommok ħierġa mix-xogħol, it-theddid fuq il-familja li jista' jweġġgħali lill-familja u theddid fost l-oħrajn illi lili, bil-Malti, ifottili wiċċi.* Xehdet ukoll illi hi u l-imputat kienu ilhom f'relazzjoni *mit-3 ta' April tas-sena 2020 sal-5 ta' Far ta' din is-sena* (ossia 2021). *Minn dak iż-żmien lil hawn, ġraw każi fejn huma similari però mhux daqstant gravi u wkoll fejn kien hemm drabi li jiena ħfirtlu u bqajt intih ċans kemm-il darba, però naħseb li din hija t-triq illi xtaq jagħżel hu.* Dwar l-involviment tal-Pulizija f'dan il-każ, Nadine Munro ddikjarat illi *l-ewwel ħaġa li rani l-Pulizija ta' l-Isptar u ma telaqnix minn taħt għajnejh għaliex jiena, ħa ngħid il-verità, dak il-ħin għalkemm jien kont vittma bdejt nibża' u ridt immur id-dar sabiex nara li d-dar all right u m'hemmx straġi. Apparti minn hekk, qisni ppruvajt naħrab għaliex jiena ma ridtx li jikbru aktar l-istejjer u ridt immur id-dar u l-Pulizija, ovvjament, qalli int trid tibqa' hawnhekk għaliex dan proċess li jrid isir u għalissa ma tistax titlaq. Fis-02:00a.m. ħriġt mill-*

*Isptar, ħaduni fid-Depot il-Furjana mit-Taqsima tad-DV, bdew jagħmluli l-interogazzjoni tagħhom, staqsewni l-mistoqsijiet li kellhom bżonn, jiena ovvjament weġibthom u ħaduli r-ritratti ta' fejn kelli l-punti u l-ġrieħi u kollox. Imbagħad wassluni lejn id-dar għaliex, l-ewwel ħaġa ma kellix biex ninżel id-dar u kienu l-04:00a.m., u t-tieni ħaġa riedu jaċċertaw illi jiena ħa nidħol id-dar safe għax kien għadu ma nġabarx.*

Waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021[18], Nadine Munro ddikjarat li qed taħfer lill-imputat u li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli da parte tagħha fil-konfront ta' l-imputat.

Dak li Nadine Munro xehdet dwaru fil-kors ta' dawn il-proċeduri, ossia dwar l-argument li kellha ma' l-imputat u kif ġraw l-affarijiet, huwa rifless f'dak illi hija kienet qalet lill-Pulizija dakinhar li ttieħdet id-Depot wara l-inċident ma' l-imputat. Anke l-ġrieħi li qalet li kellha ġew ikkonstatati mill-Pulizija. Dana fil-fatt jirriżulta biċ-ċar mix-xhieda ta' l-**Ispettur Audrey Micallef** mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021[19], fejn l-imsemmija Spettur iddikjarat illi *Nadine Munro stqarret illi kienu għall-ħabta ta' xi s-7:00p.m. meta hi u l-imputat Neil Cutajar kienu viċin ir-restaurant District Five ġewwa l-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbugia fejn inqala' argument bejniethom minħabba li Nadine kellmitu dwar l-imġieba tiegħu lejha. Stqarret li dak il-ħin ħaseb li se tmissu u beda jgħajjat li jrid joqtolha filwaqt illi beda jagħtiha ġo wiċċha bil-ponn. Meta mistqosija rigward il-ġrieħi li kellu Neil li kienu ta' natura ħafifa, li fuqhom hemm akkużi wkoll, Nadine stqarret illi hi ippruvat tagħmel dak kollu possibbli biex tiddefendi ruħha. Ftit tal-minuti wara imbagħad, Neil ħarab minn fuq il-post u hi kienet ġabret l-affarijiet tagħha li kienu mxerrda ma' l-art għax dan mid-dehra kellha xi handbag u waqt l-argument dan waqa' ma' l-art u kellha l-affarijiet tagħha personali ma' l-art u kienet indunat b'dawn il-ġrieħi meta marret id-dar u ħarset fil-mera u rat diversi daqqiet ġo wiċċha u kif ukoll niftakar illi kellha qasma fuq il-widna tan-naħa tal-lemin.* Dwar tali ġrieħi, l-Ispettur Audrey Micallef esebiet serie ta' ritratti li ttieħdu ta' Nadine Munro, l-istess ritratti li Munro tagħmel referenza għalihom fix-xhieda tagħha. Dawn ir-ritratti jinsabu esebiti bħala Dok. "AM1" sa' Dok. "AM5" a fol. 35 sa' 39 tal-proċess.

**PS 1550 Alfred Cutajar**[20], stazzjonat id-Domestic Violence Unit, ukoll xehed illi *nhar is-6 ta' Frar tas-sena 2021 kont stazzjonat id-DV Unit, l-iskwadra ta' kontra il-Vjolenza Domestika fejn għall-ħabta tas-02:00a.m. irċevejna telefonata li hemm persuna li għandha bżonn l-assistenza tagħna ġewwa l-Isptar Mater Dei. Hemmhekk morna għal din il-persuna li kienet ċerta Nadine Munro fejn minn stħarriġ illi għamilna u qaltilna hi stess, hi kienet hemmhekk irrapportat ġewwa l-Isptar Mater Dei b'kosnegwenza illi sofriet xi ġrieħi ta' natura gravi lejliet, jiġifieri nhar il-5 ta' Frar tas-sena 2021, bejn is-07:00p.m. u s-7:30p.m., ġewwa Birżebbugia mill-partner tagħha, ċertu Neil Cutajar, li qiegħed nagħraf hawnhekk fl-awla bħala l-imputat. Hemmhekk, ovvjament ħadna lil Nadine Munro ġewwa s-sezzjoni tagħna ġewwa d-Depot tal-Furjana fejn hemmhekk ukoll kellimniha x'ġara u ma ġarax, fejn stqarret illi, bħalma diġà għedt, nhar il-5 ta' Frar tas-sena 2021 bejn is-07:00p.m. u s-07:30p.m., hi kienet mal-partner tagħha fejn ir-restaurant*

[18] Fol. 62 tal-proċess.
[19] Fol. 63 u 64 tal-proċess.
[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, fol. 161 u 162 tal-proċess.

*District Five ta' Birżebbugia, fejn waqt li kienet qed tkellmu dwar l-imġieba tiegħu lejha, il-partner tagħha għal xi raġuni beda jgħajjat magħha, isawwatha u taha daqtejn ta' ponn ukoll f'wiċċha fejn b'konsegwenza ta' hekk, x'ħin ra hekk, kif ukoll allegatament beda wkoll jipprova jaqbadha minn għonqha u jwaddabha mill-ħajt għal isfel, imbagħad hemmhekk b'konsegwenza ta' hekk, x'ħin ra hekk, Neil Cutajar telaq minn fuq il-post u hemmhekk imbagħad il-vittma, Nadine Munro, marret id-dar tagħha u x'ħin rat li għandha xi ġrieħi f'wiċċha marret il-Health Centre ta' Raħal Ġdid fejn imbagħad it-tobba ta' Raħal Ġdid irreferewha għal Mater Dei għal iktar osservazzjonijiet.* Għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk Nadine Munro qaltlux li l-imputat allegatament imbuttaha u spiċċat ma' l-art bil-konsegwenza li weġġħet, PS 1500 Antoine Cutajar wieġeb iva.

**PC 2160 Nicholette Grech**[21], uffiċjal tal-Pulizija oħra nvoluta f'dan il-każ u li kellmet lil Nadine Munro, xehdet illi *nhar is-6 ta' Frar għall-ħabta tas-02:00a.m., waqt li kont xogħol fil-unit tagħna, ġiet ċertu Nadine Munro fejn riedet tirrapporta lill-partner tagħha, li l-partner tagħha, Neil Cutajar, li qed nagħraf bħala l-imputat hawnhekk, kellhom xi jgħidu ftit tas-siegħat qabel qisu bejn is-07:00p.m. u s-07:30p.m., jiġifieri fil-ġurnata ta' qabel, viċin id-District Five f'Birżebbugia. Hi stqarret li waqt li kienu qegħdin hemmhekk ġew fl-idejn, għaddietli ċertifikat maħruġ minn Dr. Kimberly Micallef, registration 4603, li sabu li qed tbati minn ġrieħi ta' natura gravi. Milli stajt nara jien jidher li kellha xi daqqiet ġo wiċċha dak il-ħin. Meta staqsejtha x'kien ġara qaltli li għall-ħabta tas-07:00p.m., waqt li kienu viċin dan ir-restaurant, inqala' argument bejniethom għax Nadine bdiet tħossha li hu mhux qiegħed iġib ruħu sew magħha. Hi stqarret illi dak il-ħin ħaseb li se tmissu, beda jgħajjat, beda jgħidilha 'noqtlok' filwaqt illi beda jagħtiha ġo wiċċha bil-ponn. Żiedet tgħid illi hi ppruvat tiddefendi ruħha kif tista'. Ftit tal-minuti wara ġabret l-affarijiet tagħha għax kellha l-baskett, waqt dan l-argument, inxtered kollok ma' l-art, qaltli 'ġbart kollox' u telqet minn hemmhekk u anke Neil kien telaq minn fuq il-post. Hi marret id-dar u x'ħin rat wiċċha ġol-mera, marret il-Health Centre u rreferewha għall-Isptar Mater Dei. Hi qaltli li ma' Neil kienet ilha għal madwar 10 xhur u f'dak iż-żmien kien ikollhom xi jgħidu hu kien jiġi aggressiv jew billi jkisser l-affarijiet jew inkella jiġu fl-idejn. Mid-dehra kien hemm xi rapporti oħra f'dan is-sens li kienu saru ġewwa l-Għassa ta' Birżebbugia.*

Il-Prosekuzzjoni esebiet żewġ ċertifikati mediċi relattivi għal Nadine Munro: wieħed maħruġ minn Dr. Gabriel Gauci mill-Polyclinic ta' Paola, meta invista lil Nadine Munro fil-5 ta' Frar 2021 għall-ħabta ta' 21:00hrs - Dok. "AM8" a fol. 16 tal-proċess - fejn huwa ċċertifika l-ġrieħi li kellha Nadine Munro iżda ma kklassifikax l-istess *pending Accident & Emergency review*, u l-ieħor maħruġ minn Dr. Kimberly Micallef mid-Dipartiment ta' l-Emerġenza ġewwa l-Isptar Mater Dei, meta invistat lil Nadine Munro għall-ħabta ta' 23:00hrs - Dok. "AM7" a fol. 15 tal-proċess - fejn b'żieda ma' dak ġia rravviżat u osservat mit-Tabib tal-Polyclinic ta' Paola, ikkonstatat is-segwenti: *in addition at A&E: CT brain & facial bones performed, no acute intracranial findings. Hand right X-ray: no fractures demonstrated. No new findings found at accident & emergency* u kklassifikat il-ġrieħi li kellha Nadine Munro bħala *grievous (save complications)*.

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2021, fol. 166 u 157 tal-proċess.

Fir-rigward tal-ġrieħi li kellha Nadine Munro u ċ-ċertifikat maħruġ minnu, u minnu ikkonfermat, **Dr. Gabriel Gauci**[22] xehed illi *bħala ġrieħi u sofferenzi kien hawn girfa ta' madwar 2 ċentimetri ħamra fil-kulur fuq in-naħa tan-nofs tal-moħħ, girfa oħra madwar 3 ċentimetri fuq l-eyebrow tan-naħa tal-lemin, tbenġila ħamra fil-kulur ta' madwar 3 ċentimetri b'wieħed taħt l-għajn tal-lemin, tbenġila oħra ta' madwar 3 ċentimetri u ħamra fil-kulur fuq in-naħa ta' barra ta' fuq ta' l-għajn tax-xellug, imbagħad kien hemm girfa ta' madwar 3 ċentimetri fuq il-polz u girfa ta' madwar ċentimetru fuq in-naħa ta' quddiem tas-subgħa ż-żgħir. Apparti minn hekk, kien hemm imbagħad qata' li taffettwa n-naħa ta' fuq tal-widna u minħabba f'hekk kont irreferjt lill-pazjenta għall-emerġenza biex jarawha min-naħa tagħhom minħabba li teffettwa l-widna. … Ġrieħi dakinhar ma ikklassifikajthomx għaliex kont bgħattha l-emerġenza biex jarawha minn hemmhekk.* Dr. Gauci spjega li huwa rrefera lil Nadine Munro l-emerġenza għaliex *il-widna jekk ikollha qatgħa, l-iktar ir-raġuni li kienet li bgħattha l-emerġenza u mhux għamilnielha l-punti dak il-ħin għaliex ovvjament jista' jkun hemm riskju li ma tfiqx daqshekk tajjeb fejn postijiet oħra.*

**Dr. Kimberly Micallef**[23], xehdet dwar iċ-ċertifikat maħruġ minnha fil-5 ta' Frar 2021 - Dok. "AM7" a fol. 15 tal-proċess - u essenzjalment ikkonfermat il-kontenut ta' l-istess ċertifikat u spjegat li ċċertifikathom bħala grievous għaliex *waħda mill-ġrieħi kienet tinvolvi l-widna tal-lemin u kellha bżonn il-punti fiha.*

Nadine Munro ġiet invistata mill-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri**[24] fid-19 ta' Lulju 2021 u l-imsemmi Espert ikkonstata u kkonkluda li *Nadine Munro allegat illi nhar il-5 ta' Frar 2021 għall-ħabta tas-7:30p.m. f'Birżebbugia din ġiet imbottata mill-partner tagħha bir-riżultat li waqgħet u ħabtet in-naħa tal-lemin tal-wiċċ ma' l-art u kellha tittieħed l-isptar Mater Dei. Illi CT scan li ttieħed ma werhiex li kien hemm xi fratturi jew leżjonijiet oħra trawmatiċi. Illi din ġiet illiċenzjata mill-isptar wara li ġew inseriti xi suturi fuq il-widna l-leminija. Illi ċ-ċikatriċi rqiqa fuq il-widna l-leminija bilkemm hija viżibbli. Din kienet riżultat ta' laċerazzjoni riżultat ta' blunt trauma*[25]. Fir-rigward ta' din iċ-ċikatriċi f'widint Nadine Munro, fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[26], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri ddikjara li din *ma tidher kważi xejn jiġifieri, minn talking distance ma tidhirx assolutament. Ma kellhiex aktar leżjonijiet riżultanti minn dan l-allegat każ li indikatli Munro.*

L-**imputat**[27] għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri u kkonferma li fiż-żmien ta' l-inċident huwa kien f'relazzjoni ma' Nadine Munro. Dwar dak li ġara dakinhar tal-5 ta' Frar 2021, l-imputat xehed illi *jien kont ġejt mix-xogħol, morna nieħdu kafe' u hekk u qalgħatli argument quddiem in-nies u jien tlaqt u mort id-dar tagħha, ippakkjajt naqra l-ħwejjeġ u tlaqt il-barra. Hi ġiet warajja, ippruvat tagħtini daqqa ta' sieq biex titfgħani miċ-ċint għal isfel, jien imbuttajtha, x' ħin kont qed nimbuttaha gidmitni, reġgħet ġiet għalija, erġajt imbuttajtha, waqgħet, ħabtet rasha mas-*

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2021, fol. 41 u 42 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2021, fol. 43 u 44 tal-proċess.
[24] Digriet nomina datat 6 ta' April 2021, fol. 58 tal-proċess.
[25] Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, Dok. "MS" a fol. 151 sa' 160 tal-proċess.
[26] Fol. 149 u 150 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2022, fol. 197 sa' 200 tal-proċess.

*central strip, mort niġborha ovvjament, rajtha kif qamet u tlaqt. … Fit-triq fejn District Five eżatt fil-kantuniera tiegħu hemm iċ-ċint hemmhekk max-xatt il-baħar. Jien kont qiegħed hemmhekk bilqiegħda għax meta tlaqt mid-dar tagħha, jien poġġejt hemm u rajt x'ħa nagħmel jew taxi jew xi ħaġa għax tal-linja ma kienx għad fadal u ridt nara x'ħa nagħmel xi taxi jew nibgħat lil xi ħadd ħabib tiegħi jew hekk. Hi ġiet tiġri warajja u tagħtini daqqa ta' sieq u hekk u jien qbadtilha sieqha għax kieku kont naqa' għal isfel, vera m'hemmx xi għoli imma xorta kont naqa'.* Mistoqsi jekk meta Nadine Munro waqgħet, kellhiex dmija, l-imputat *wieġeb le, hi meta waqgħet, jiena rajtha li baqgħet ma' l-art u meta rajtha li baqgħet ma' l-art u ħabtet rasha, ovvja xi ħaġa ġara la baqgħet mal-art u jien mort inqajjimha. … Jien kif qajjimtha u rajtha bilwieqfa fuq saqajha u hekk, tlaqt 'l hemm jiġifieri u kulma ġbart il-baskett tiegħi, il-haver sack, il-mobile ġbartu ovvjament u tlaqt 'l hemm. Jiġifieri ħallejt in-nuċċali hemm u ħallejt il-ġakketta hemm. Jien tlaqt mid-dar tagħha biex ma jikbirx l-argument u reġgħet ġiet warajja hi u kif rajtha fuq saqajha hekk, għidt ħa nitlaq.*

In kontro-eżami l-imputat tenna li *jiena rajtha fejn ħabtet rasha u kif rajtha bilwieqfa jien fuq saqajha, għidt ovvja aħjar nitlaq, imma kif rajtha bilwieqfa fuq saqajha, għalija, in my eyes, all right din u mhijiex gravi u m'għandha xejn. … ovvja jien staqsejtha meta kienet ma' l-art u għidtilha jekk hijiex all right u qajjimtha imma kollox seconds kien hemm. Jien li kelli f'moħħi hu li mmur il-bogħod minnha għax jien naf li meta tiġi aggressiva hi, moħħha ma jiġix tajjeb. Lanqas jaħdem tagħna meta nkunu normali aħseb u ara hi qiegħda f'dak l-istat.*

Mix-xhieda ta' l-imputat huwa evidenti li huwa jikkontendi li ddefenda ruħu minn Nadine Munro meta din, skontu, ippruvat titfgħu għal isfel minn fuq iċ-ċint hdejn id-District Five f'Birżebbugia u mbuttaha, u meta mbuttaha hija waqgħet ma' l-art u ħabtet rasha. L-imputat jisħaq li huwa lil Nadine Munro mbuttaha biss u xejn iktar u meta ra li waqgħet u baqgħet ma' l-art, stenna ħa jara huwiex kollox sew u meta ra li skontu ma kien hemm xejn gravi telaq minn fuq il-post biex jitlaq 'l boghod minnha.

Għalkemm fix-xhieda tiegħu l-imputat jillimita ruħu li jgħid li lil Nadine Munro imbuttaha biss, u meta waqgħet għena tqum u telaq 'l hemm, fl-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-Pulizija fis-6 ta' Frar 2021, ossia l-għada ta' l-inċident ma' Nadine Munro, liema stqarrija ġiet rilaxxata minnu wara li ngħata t-twissija kif ukoll id-dritt li jikkonsulta avukat jew li jkun assistit minn avukat, dritt minnu rifjutat, huwa ta stampa kemm xejn differenti. Għad illi qal li Nadine Munro ppruvat timbuttah minn fuq iċ-ċint fejn kien qiegħed, huwa spjega li *kif hija għamlet hekk, jiena qbadtilha saqajha u qisni qomt lejn la ġenba u mbuttajtha u* ***hemmhekk ġejna fl-idejn***[28]*, bdiet ixxejjirli jiġifieri d-daqqiet ta' ponn u hekk. E, f'ħin minnhom qabditni minn għonqi li bdiet tifgani, jiena rnexxieli naħarbilha minn idejha u imbuttajtha u waqgħet ma' l-art hi u jiena rajtha taħbat rasha mal-din tal-bankina hawn, il-ħadid, x'jgħidulu li jkun on the side tal-banking. U rajtha għamlet like two minutes ma ċċaqalqitx, mhux ma ċċaqalqitx imma she was surprised li hi ħadet id-daqqa … u għamlet like two minutes bilqiegħda u jien ma missejthiex, bqajt inħares lejha, like x'nagħmel inqajjimha mill-art u hekk? …* ***u minn hemm insomma qamet u***

[28] Enfasi tal-Qorti.

***reġġħet ġiet għalija***. ***Kif reġġħet kompliet tagħtini, jiena il-verità bdejt inxejjer id-daqqiet ta' ponn. … biex niddefendi lili nnifsi***[29]. Mistoqsi jekk dan seħħx wara li Nadine Munro waqgħet ma' l-art, l-imputat stqarr li iva. Huwa stqarr mill-ġdid illi *meta jiena wasalt id-District Five reġgħet ġiet hi, baqgħet ġejja warajja u ħarġet daqqa ta' sieq li titfagħni għal isfel … **U jien ersaqt la ġenba, qbadtilha naqra saqajha u qomt għaliha u hemmhekk ġejna fl-idejn***[30].

Fl-istqarrija tiegħu għalhekk l-imputat stqarr li mar oltre milli sempliċement imbotta lil Nadine Munro meta din skontu marret biex timbuttah minn fuq iċ-ċint għal isfel. Anzi, jgħid bla tlaqliq ta' xejn illi dak il-ħin huwa rritalja u ġie fl-idejn magħha. Stqarr ukoll li meta Nadine Munro waqgħet ma' l-art waqt din il-ġlieda li kellhom, hija qamet waħdeha u mhux qajjimha hu u per di più mhux telaq minn fuq il-post iżda baqa' hemm u meta skontu din reġgħet ġiet għalih, huwa beda jxejjer id-daqqiet ta' ponn.

Għalkemm l-imputat jisostni li huwa ddefenda ruħu għaliex kienet Nadine Munro li għamlet għalih l-ewwel, id-diskrepanza fid-dettal mogħti minnu ta' dak li ġara dakinhar tal-5 ta' Frar 2021 bejn dak li stqarr fl-istqarrija tiegħu u dak li xehed quddiem il-Qorti, serjament jimpinġi fuq il-kredibilità tiegħu. A kuntrarju ta' l-imputat, Nadine Munro kienet ferm konsistenti fil-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha u b'hekk hija ferm iktar kredibbli minnu. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li fil-kors ta' l-argument li kien għaddej bejn l-imputat u Nadine Munro, l-imputat dar għaliha, beda jagħtiha u jheddida u kkawżalha l-ġrieħi riskontrati fuqha mit-tobba tal-Polyclinic ta' Paola u ta' l-Isptar Mater Dei.

In kwantu rigwarda l-affermazzjoni ta' l-imputat li huwa rreaġixxa biex jiddefendi ruħu, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Augusto Auguliaro**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Awwissu 1998, fejn ingħad illi *mhux kull min 'jaġixxi biex jiddefendi ruħu' neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu*[31]*. Il-liġi titkellem ċar dwar il-'bżonn attwali' tad-difiża leġittima ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi w inevitabbli. L-element ta' l-inevitabilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet, ossia ġlied li jara ġej, meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur mingħajr raġuni valida jaffrontah b'mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku. Mill-kumpless ta' provi jidher ċar li l-appellant, meta kellu l-opportunità li jwarrab bil-kwiet u jevita l-konfront, għażel li jmur hu jistieden il-ġlied … Kif ingħad, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, meta kellu l-opportunità li jevita l-inkwiet b'mod raġonevoli, minflok mar hu stess jisfida lil Vella Muscat għal ġlied. Jekk ivvibrax hu jew Vella Muscat l-ewwel daqqa hu fatt ta' importanza marġinali. Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawża R. v. Julien (1963) 1 WLR 839: "It is not … the law that a person threatened must take to his heels and run in a dramatic way suggested by Mr. McHale, but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of*

[29] Enfasi tal-Qorti.
[30] Enfasi tal-Qorti.
[31] Artikolu 224 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*the justification of self-defence is true, in our opinion whether the charge is a homicide charge or something less serious". Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi wkoll il-posizzjoni taħt il-Liġi tagħna.*

Meta l-fatti ta' dan il-każ jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, għandu jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-imputat ma jistax jitqies li rreaġixxa biex jiddefendi lilu nnifsu. Ċertament, is-sempliċi impressjoni li Nadine Munro setgħet kienet se tmissu ma jiġġustifikax l-aggressjoni tiegħu fil-konfront tagħha u anke kieku stess, *dato ma non concesso,* Nadine Munro ppruvat timbuttah minn fuq iċ-ċint, xorta ma kienx ġustifikat l-imputat li jiġi fl-idejn magħha, anke wara li hi waqgħet ma' l-art, u jibda jfajjar id-daqqiet ta' ponn.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat huwa effettivament ħati ta' l-aggressjoni fuq Nadine Munro, bil-konsegwenza ta' liema hija sofriet ġrieħi.

In kwantu rigwarda l-ġrieħi, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li għalkemm Dr. Kimberly Micallef ikklassifikat il-ġrieħi subiti minn Nadine Munro bħala *grievous (save complications)*[32], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, illi eżamina lil Nadine Munro fid-19 ta' Lulju 2021, ossia madwar erba' xhur u nofs wara l-inċident ma' l-imputat, ikkonstata u kkonkluda li *ċ-ċikatriċi rqiqa fuq il-widna l-leminija bilkemm hija viżibbli*[33] u fix-xhieda tiegħu żied jgħid illi *ma kellhiex aktar leżjonijiet riżultanti minn dan l-allegat każ*[34].

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clyde Bonavia**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-3 ta' Frar 2011, fejn ġie osservat illi: *il-Qorti jidhrilha li una volta li ċ-ċikatriċi in kwistjoni ma tidhirx minn talking distance ma jistgħax jitqies li l-ġrieħi sofferti minn Cassar jammontaw għal sfreġju jew mankament fil-wiċċ kif indikat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u wara li l-Qorti qieset li mix-xhieda ta' l-istess parti ċivili jirriżulta li wara li huwa mar jiddewwa dakinhar stess ta' l-inċident fejn sarulu żewġ punti huwa ma ħax aktar kura għall-ġrieħi sofferti u l-għada mar lura għax-xogħol, jidhrilha li l-ġrieħi kaġunati mill-imputat għandhom jiġu kkunsidrati bħala ta' natura ħafifa.* Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Settembru 1996, fejn ġie osservat illi *b'mankament fil-wiċċ il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioè peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin".*

Kemm-il darba l-widnejn għandhom jitqiesu bħala parti mill-wiċċ, il-fatt li ċ-ċikatriċi rqiqa li Nadine Munro għandha f'widnejna ma hijiex visibbli minn within talking

[32] Ċertifikat Mediku - Dok. "AM7" a fol. 15 tal-proċess.
[33] Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri - Dok. "MS" a fol. 151 sa' 160 tal-proċess.
[34] Xhieda mogħtija mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, fol. 149 u 150 tal-proċess.

distance u fil-kumplament ta' wiċċha ma jirriżultaw l-ebda leżjonijiet oħra, l-imputat ċertament ma jistax u ma għandux jitqies ħati ta' offiża gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kemm-il darba invece l-widnejn ma għandhomx jitqiesu bħala parti mill-wiċċ, dejjem fid-dawl tal-fatt li ċ-ċikatriċi rqiqa li Nadine Munro għandha f'widnejna ma hijiex visibbli minn within talking distance u mill-provi ma jirriżultax li hija qed ssofri minn xi debulizza permanenti jew difett permanenti f'widintha, lanqas jista' jitqies li l-imputat huwa ħati ta' offiża gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - li fil-fehma tal-Qorti huma ż-żewġ provvedimenti tal-Liġi li jistgħu jiġu kkunsidrati fil-każ in eżami. La fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' offiża gravi a dannu ta' Nadine Munro ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wisq inqas ma jista' jinstab ħati ta' offiża gravi a dannu ta' Nadine Munro ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu* (inklużi għalhekk l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) *titqies li hija ħafifa…* Applikat dan il-provvediment tal-Liġi għal dak li rriżulta mill-provi f'dawn il-proċeduri, senjatament mix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri u l-konkluzjonijiet tiegħu fir-Relazzjoni Dok. "MS" a fol. 151 sa' 160 tal-proċess, liema konklużjonijiet jsibu konferma anke fir-ritratti li huwa ħa ta' Nadine Munro u minnu annessi mar-Relazzjoni tiegħu, għandu jsegwi li l-imputat għandu jinstab ħati ta' offiża ta' natura ħafifa a dannu ta' Nadine Munro.

Peress illi fiż-żmien ta' l-inċident l-imputat u Nadine Munro kienu f'relazzjoni u kienu jgħixu flimkien, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa biċ-ċirkostanza aggravanti kontemplata fl-Artikoli 222(1)(a) u 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ħawn tosserva li għalkemm Nadine Munro ddikjarat li taħfer lill-imputat u irrinunzjat għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tiegħu, tali dikjarazzjoni u rinunzja bl-ebda mod ma jeffettwaw il-konklużjoni tal-Qorti dwar is-sejbien ta' ħtija ta' l-imputat għar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa a dannu ta' Nadine Munro biċ-ċirkostanza aggravanti hawn appena imsemmija, stante li ai temrini ta' l-Artikolu 221(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa biss f'każijiet ta' offiża ta' natura ħafifa fuq persuni li ma humiex dawk imsemmija fl-Artikolu 222(1)(a) jew (b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Pulizija għandha bżonn il-kwerela tal-parti offiża biex tipproċedi. Fejn invece l-persuna li sofriet l-offiża ta' natura ħafifa hija waħda minn dawk indikati fl-Artikolu 222(1)(a) jew (b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħalma fil-fatt hija Nadine Munro, il-Pulizija tista' tipproċedi *ex officio*. Il-maħfra u rinunzja tal-parti leża tista' se mai tittieħed in konsiderazzjonijiet għal finijiet ta' piena u xejn iktar.

Hawn il-Qorti tosserva li għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju datata 14 ta' Jannar 2022[35], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tista' fil-fatt issib lill-imputat ħati tar-reat ta' offiża ħafifa ai termini ta 'l-

[35] Fol. 186 u 187 tal-proċess.

Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta bl-aggravanti prevista fl-Artikoli 222(1)(a) u 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, in kwantu reat inqas gravi, iżda kompriż u involut, fir-reati indikat mill-Avukat Ġenerali. Hawn il-Qorti tistrih fuq il-prinċipju ġuridiku ormai assodat in materja li *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti.* ***Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat***[36].

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli nhar il-5 ta' Frar 2021 fis-7:00p.m., ġewwa Birżebbuġia: (2) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro; (3) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lis-sieħba tiegħu, u cioè Nadine Munro, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u fin-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif gia iktar 'l fuq osservat, Nadine Munro ddikjarat li hija tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat. Fil-każ in eżami, għalkemm l-Artikolu 339(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o), ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti,* l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li fil-każijiet li jinvolvu vjolenza domestika, intiż dan it-terminu kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tipproċedi *ex officio*.

Il-każ in eżami huwa bla dubju ta' xejn każ ta' vjolenza domestika kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta stante li fiż-żmien ta' l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni l-imputat u Nadine Munro kienu f'relazzjoni u kienu jgħixu flimkien. B'hekk dak provdut fl-Artikolu 339(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax fil-każ in eżami. Għalkemm il-proviso ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakoltà lill-vittma tar-reat titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur tar-reat, u imbagħad il-Qorti skond iċ-ċirkostanzi tagħti deċiżjoni fir-rigward, fil-każ in eżami Nadine Munro fl-ebda ħin ma talbet b'mod ċar u espliċitu li l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu. B'hekk lanqas dan il-proviso ma japplika għall-każ in eżami.

Kunsidrati dawn il-punti l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova, b'mod partikolari tramite x-xhieda ta' Nadine Munro, li l-imputat mhux biss aggrediha u

[36] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

ikkawżalha grieħi ta' natura ħafifa iżda li heddidha wkoll. B'hekk fil-fehma tal-Qorti l-imputat huwa ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia tal-kontravvenzjoni ai termini ta' l-Artikolu 338(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigward il-kontravvenzjoni provduta fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min … (d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, jdejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil-ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.* Fil-fehma tal-Qorti, in kwantu l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa, Hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li Nadine Munro ħafret lill-imputat.

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 202(h)(i)(v)(vi), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati talli nhar il-5 ta' Frar 2021 fis-7:00p.m., ġewwa Birżebbuġia, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Nadine Munro f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq l-istess Nadine Munro, dak iż-żmien is-sieħba tiegħu, u qed issibu ħati wkoll talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Nadine Munro, dak iż-żmien is-sieħba tiegħu, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema biex jikkontrolla r-rabja tiegħu, għadda minn ammont ta' trawmi fil-passat u jidher li għandu wkoll vizzju tad-droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi l-imputat għandu problema biex jikkontrolla r-rabja tiegħu, għadda minn ammont ta' trawmi fil-passat u jidher li għandu wkoll vizzju tad-droga, il-Qorti tqis li għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza dawn il-problemi li huwa għandu u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati

fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-fini li jinżamm il-bon ordni pubbliku ma' Nadine Munro u l-familjari tagħha, il-Qorti qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €259.00 rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri[37].

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[37] Fol. 160 tal-proċess.